MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 128/1999/1

**Middle Sea Insurance P.L.C,**

**vs**

**Anthony Borg**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Li l-konvenut xtara polza ta' assikurazzjoni maghrufa bhala 'third party risks only' fl-24 ta' Novembru 1997 minghand is-socjeta' attrici sabiex tigi assikurata vettura privata.

Illi s-socjeta attrici abbazi tal-proposal form mimlija u ffirmata mill-istess konvenut, harget polza 'third party risks

only’ favur il-konvenut fuq il-vettura numru ta registrazzjoni HAB 203.

Illi sussegwentament ghal-hrug tal-polza, wara li l-konvenut kien ghamel claim rizultanti minn incident stradali li sehh fis-6 ta’ Jannar 1998 gewwa l-Belt Valletta, s-socjeta attrici saret taf li l-konvenut assikurat maghha, kien zamm lura informazzjoni importanti u essenzjali meta kien qieghed jimla l-proposal form, u di piu ta’ informazzjoni falza fuq l-istess proposal form.

Illi l-konvenut ma kienx gharraf lis-socjeta’ attrici minkejja li kien gie mistoqsi fil-“proposal form” dwar il-fedina penali, li tinkludi fost affarijiet ohra, serq u frodi fil-konfront ta’ socjeta’ assikuratrici.

Illi li kieku kienet taf b’dawn il-fatti dwar l-assikurat taghha, u cioe’ l- konvenut is-socjeta’ attrici certament ma kienetx tassumi r-riskju li tohrog il-polza in kwistjoni.

Illi fis-6 ta’ Jannar 1998 il-konvenut kien involut f’incident awtomobilistiku mal-vettura numru AAA-437 propjeta’ ta’ Redent Briffa.

Illi wara li sehh l-ismemmi incident il-konvenut ghamel id-debita ‘claim’ mas-socjeta attrici sabiex hija tkopri d-danni sofferti mis-sur Redent Briffa (third party) ikkagunat bl-istess incident.

Illi in vista tas-suespost huwa car li l-konvenut heba fatti u informazzjoni materjali a tenur ta’ l-artikolu 10 sub-inciz 5 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi minhabba dan il-fatt, s-socjeta’ attrici mhijiex obbligata thares il-kundizzjonijiet tal-polza in kwistjoni, u kwindi li thallas xi somma ghan-nom tal-konvenut, u dan abbazi tal-Artikolu 10 sub-inciz 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi s-socjeta attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-imsemmi artikolu tal-ligi imsemmija.

In vista ta’ dak kollu li gie premess is-socjeta’ attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenut naqas milli jaghti l-informazzjoni rikjesta fuq il-proposal form u naqas milli jiddikjara fatti, materjali liema fatti kienu determinanti sabiex is-socjeta attrici tiddeciedi taccettax ir-riskju jew le u li jigi dikjarat li s-socjeta’ attrici hija awtorizzata tannulla l-polza tal-assikurazzjoni ezistenti bejn il-partijiet stante li dina harget minhabba li kienet ittiehdet bil-habi ta’ fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f’xi partikolarita’ sostanzjali.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici Laferla Insurance Agency Ltd, u kontra Redent Briffa bhala l-assikurat l-iehor involut fl-istess incident mal-konvenut odjern, kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Borg fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi b'riferenza ghall-proposal form citata mis-socjeta' attrici, jinghad li din ma mtlietx mill-konvenut, kif premess mis-socjeta' attrici, izda pjuttost minn impjegat, agent, jew insurance broker tal-istess socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju, l-fatti allegati mis-socjeta' attrici ma jikkostitwux fatti materjali li jincidu fuq il-validita' stess tal-polza in kwistjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ommissjoni ta' fatt materjali, sakemm ma tammontax ghal frodi, ma tirrendix polza ta' assigurazzjoni nulla "ab initio", izda tirrendiha annullabbli, minghajr effett fil-ligi fuq transazzjonijiet precedenti ghall-annullament, sakemm dawn ma jkunux ukoll affetti direttament minn kawza ta' nullita u f'dan ir-rispett, l-ecceipjent jissottometti li l-fatti allegati ma ghandhom l-ebda relazzjoni mal-"claim" imsemmija fil-premessi attrici.

Illi dwar l-istess "claim," jigi rilevat li din diga' thallset mis-socjeta' attrici minghajr ma giet segwita l-procedura stipulata fis-subinciz (3) ta' l-artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, bir-rizultat li s-socjeta' attrici tilfet kull dritt li tapplika d-dispozittiv tal-istess subinciz. Jizdied jinghad ukoll li fi kwalunkwe kaz, ladarba t-talbiet attrici ma jinludu l-ebda talba ghar-rifuzjoni tal-flus avanzat mis-socjeta' attrici lil Redent Briffa, kwalunkwe premessa, u kwalunkwe prova, dwar l-istess claim hija totalment irrilevanti ghall-proceduri odjerni, u maghmula bl-iskop li tizvija l-Qorti;

Illi dwar l-ispejjez, dawn ma jsitghu fl-ebda kaz jinkludu l-ispejjez imsemmija fic-citazzjoni attrici, stante li tali spejjez jirrigwardaw pretensjonijiet indirizzati kontra terzi; tali

spejjez setghu talvolta kienu rilevanti kieku saret talba ghal-likwidazzjoni tad-danni gloabli, izda tali talba ma saritx.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat li b'dikriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Frar 2000 li bih is-socjeta' Lloyds (Malta) fil-kwalita' taghha bhala rappresentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossia sindakat ta' Lloyds illi jgib in-numru 980 ujoperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenut irtira l-hames eccezzjoni tieghu.

Semghat ix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota resposiva tal-intervnuti fil-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tas-socjeta' attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 2009 minn fejn jirrizulta li l-intervenuti fil-kawza regghu talbu r-revoka 'contrario imperio' tad-dikriet tal-Qorti tat-12 ta' 2009 (fol.162).

Rat ir-risposta ghal din it-talba tas-socjeta' attrici.

Rat li l-Qorti rriservat li tipprovdi dwar din it-talba fis-sentenza finali.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet diferita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Il-Qorti thoss li ghandha tirrileva, f'dan l-istadju li l-konvenut ma xehedtx f'dawn il-proceduri u ta' spiss naqas milli jidher fil-kawza.

Hu opportun li l-ewwel tigi trattata t-talba tas-socjeta' intervenuta dwar il-prezentata ta' dokumenti mis-socjeta' attrici wara l-gheluq tal-provi. Din hija semplicement reazzjoni ghal allegazzjoni maghmula mis-socjeta' intervenuta ukoll wara l-gheluq ta' l-istadju tal-provi. Is-socjeta' attrici ma kellha ebda obbligu, skond l-andament tal-klawza, biex tipprova illi n-notifiki kollha lill-konvenut saru kif tirrikjedi l-ligi. F'kaz li xi parti fil-kawza jidhrilha li dawn in-notifika ma jkunx saru kif tirrikjedi l-ligi, dik il-parti ghandha l-oneru li tissoleva tali kontestastazzjoni fi stadju aktar bikri fil-proceduri u mhux fl-gheluq tal-kawza. Jekk dan ma jkunx possibbli u ghalhekk tali kontestazzjonitigi allegata fi stadju aktar tardiv, allura l-parti l-ohra ghandu jkollha l-opportunita' illi tiddefendi l-pozizzjoni taghha. Kwindi t-talba tal-interveniuti fil-kawza kif kontenuta fl-imsemmi verbal tas-16 ta' Novembru 2009 ghandha tigi rigettata.

Dwar il-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, tajjeb li jigi osservat fil-ligi dwar il-kuntratti tal-assikurazzjoni hemm provdut ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jhallas pretensjoni tal-assigurat. L-aktar importanti fost dawn is-sitwazzjonijiet huma dawk fejn l-assikuratur jirrifjuta li jhallas minhabba li jikkontendi li l-polza hija nulla jew tista' tigi annullata, jew li tista' tigi impunjata. Dawn jinkludu allegazzjojnijiet li l-assigurat ikun naqas li jizvela fatti materjali jew irrapprezenta b'mod hazin dawk il-fatti materjali. L-assikuratur ghandu l-ghazla li jevita l-kuntratt kollu jew li jikseb rizultat simili awtomatikament jew inkella minhabba xi raguni li tippermettilu li jittratta l-kuntratt bhala ripudjat. Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assikurat ikun wettaq xi frodi jew ma zvelax xi fatti materjali, jew

ghamel rapprezentazzjoni hazina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur iehor tad-dmir ta' l-"uberrima fides."

Bħalma huwa l-każ fil-kuntratti kollha, il-mizrapprezentazzjoni ta' fatti magħmula minn proponent, jew in-nuqqas tiegħu li jiżvela fatti materjali, kemm jekk b'negliġenza kif ukoll magħmula innoċentament, tintitola lill-assikuratur jevita l-kuntratt ab initio, u l-kuntratt jitqies li qatt ma sar. F'Carter vs. Boehm1, Lord Mansfield kien qal hekk:

"Insurance is a contract upon speculation. The special facts upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him estimate the risqué as if it did not exist."

Il-mistoqsijiet legali jikkunċernaw l-aktar il-materjalità tal-fatt, u kif din tigi ggudikata. Fatt ikun materjali jekk jinfluwenza d-decizjoni ta' assikuratur raġonevoli jew prudenti dwar jekk jaċċettax ir-riskju jew liema tariffi se jitlob. Dan ma jfissirx neċessarjament illi l-assikuratur neċessarjament kien jaġixxi b'mod differenti kieku kien jaf bil-fatti, iżda biss li kien ikun irid jaf bil-fatt meta jkun qed jieħu d-deċiżjoni (Ara Container Transport Intl Inc vs. Oceanus Mutual Undewriting Association (Bermuda) Ltd – 1994).

Fir-rigward ta' rekords kriminali, f'bosta każi Ingliżi ntqal li l-materjalità kienet tiddependi mill-gravità tas-sentenzi u kemm kienu ilhom. Jidher illi kwalunkwe sejba ta' ħtija rilevanti għall-assikurazzjoni titqies materjali kemm-il darba ma tkunx trivjali jew antika.  Sejba ta' ħtija mhux rilevanti għall-assikurazzjoni tista' xorta żżid l-azzard

morali tal-proponent, l-aktar meta tkun gravi bħal sentenza ta’ habs.

Fil-każ odjern, il-fedina penali tiżvela sentenzi gravi li mhux neċessarjament jaffettwaw il-polza iżda minħabba l-gravità tagħhom jaffettwaw l-azzard morali. Inoltre jirriżultaw ukoll sejbiet ta’ ħtija rilevanti li, għalkemm bosta minnhom huma antiki, il-frekwenza tagħhom tindika attitudni da parti tal-konvenut illi jibqa’ jwettaq dawn ir-reati jew kontravenzjonijiet, u allura assikuratur raġonevoli neċessarjament ghandu jkun jaf bihom. Dawn huma fatti illi kienu fil-konoxxenza tal-konvenut, li kien obbligat jizvelhom meta mela l-Proposal Form, anke kieku l-informazzjoni ma tkunx giet mitlunba u aktar u aktar meta kien hemm mistoqsija diretta dwar dan fil-Proposal Form.

Il-gurisprudenza f'Malta timxi fuq l-istess linji. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet “Joseph Micallef et vs Jovin Rausi et noe et” (Prim'Awla tal-Qorti Civili – 27 ta’ Ottubru 2004 ), il-Qorti qalet hekk:-

“In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-proposal form huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assikuratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi nfluwenti meta jokkorri l-event dannuz assikurat, li kapaci jkabbru jew jirreducu l-alea, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta’ l-assikurat jew il-kondizzjonijiet kontrattwali. Problemi dawn ta’ l-ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta’ l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili. Tajjeb pero` li tigi registrata l-osservazzjoni ghaqlija illi “a fair and reasonable construction of the questions and answers in a proposal form must be adopted” (“Austin -vs- Zurich General Accident and Liability Insurance Co. Ltd”, King’s Bench Division (1944) 77 Lloyds Law Reports 409).

“Indubbjament, il-predisposizzjoni tal-kwestjonarju (il-proposal form) tillustra b’ mod inekwivokabbli l-intenzjoni

ta’ l-assikurat li jakkorda importanza partikolari lil certi kweziti determinanti, b’ tali mod li jirrikjamaw fuqhom l-attenzjoni ta’ l-assikurat biex dan, b’kura u diligenza, iforni twegibiet kompleti u veritjiera ghalihom. Din hi materja li trid tigi valutata mill-gudikant fl-indagini tieghu anke biex jistabbilixxi l-incidenza tat-taghrif moghti (jew mizmum) fuq l-ghoti tal-kunsens mill-assikuratur fil-formazzjoni tal-kuntratt. Fi kliem iehor jispetta lill-gudikant li jizen jekk id-dikjarazzjonijiet jew taghrif provdut kienux tali li l-assikuratur ma kienx jikkonkludi l-kuntratt, jew kien hekk jikkonkludih, izda taht konsiderazzjonijiet diversi, kieku kien jaf bl-inezattezza jew inveridicita` tat-taghrif. Jekk jinstab li dan hu hekk il-kaz ir-rimedju ghall-assikuratur hu dak ta’ l-annullament tal-kuntratt u f’kaz li l-event assigurat ikun gja sehh, dak li jirrezisti t-talba ghall-hlas ta’ l-indennizz mitlub.”

Intqal ukoll hekk fil-kawza fl-ismijiet “Pawlu Baron et vs Thos. C. Smith Insurance Services Ltd bhala agenti ta’ Siat” In effett jista jinghad li hu stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi “il-proposal form hija parti ntegrali tal-polza ta’ l-assigurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza” (Vol. XXXVI, P.II, p.610).

Gie ritenut ukoll illi “il-Qorti tifhem li hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f’kuntratt ta’ assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-history taghha bhala is-soggett ta’ assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista’ b’xi mod tinfluwenza d-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-accettazzjoni li tinghata l-polza. L-istess kif id-ditta assiguratrici hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu jkollha. Dan ghaliex il-kuntratt ta’ assigurazzjoni hu wiehed ta’ uberrimae fidae u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh.”

“The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberrimae fidae, that is of utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material” (John Birds Modern Insurance Law 1977 p.100). Fil-kawza “Carter vs Boehm” Lord Mansfield jiddikjara “good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact and his belief in the contrary……….. The reason of the rule which obliges parties to disclose is to prevent fraud and to encourage good faith. It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect”.

Il-Qorti tqis li l-obbligu “to disclose material information”, kien fuq kollox u qabel xejn jinkombi fuq il-konvenut li kien fid-dover li sua sponte u volontarjament ipoggi linformazzjoni kollha ghad-dispozizzjoni tas-socjeta’ assikuratrici. Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza Briffa vs Camilleri 9 ta’ Frar 2001 u kwotata b’approvazzjoni fl-Appell Sammut vs Middlesea (14 ta’ Mejju 2004) dana l-obbligu jezisti: “rrispettivament minn jekk hu (l-konvenut) kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta` li jaghmel hekk”.

Inoltre meta l-proposal form tigi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna ohra, din titqies li ntliet ghall-proponent. Din il-persuna titqies bhala l-mandatarju ta’ l-assikurat u jekk dana jonqos l-konsegwenzi jbatihom l-assikurat - salv kull rimedju li dan jista’ jkollu kontra l-mandatarju tieghu taht il-ligi. Inolre huwa dmir ta’ l-assikurat li, qabel ma jiffirma, jaqra sew dak li se jiffirma, u jekk ma jaghmilx hekk, irid ibati l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu. Meta jkun hemm skrittura ffirmata minn parti, hu prezunt li hu accetta dak kollu li jkun regolat fl-iskrittura (ara Kum. “Zammit vs Micallef” 31 ta’ Jannar 1952 u PA “Vassallo vs Azzopardi” 21 ta’ April 1999).

Il-fatt li s-socjeta’ attrici accettat il-premium ma jistax jigi interpretat bhala xi abdikazzjoni ghad-dritt ta’ l-assikurazzjoni li thassar il-polza jekk jirrizultalha li kien

hemm nondisclosure, lanqas ma jista’ jinghad li kien hemm ratifika mill-assikurazzjoni meta l-fatti veri kienu injoti ghas-socjeta’ attrici (ara sentenza PA “Mizzi vs Grech” 3 ta’ Ottubru 2003). L-Artikolu 10(5) tal-Kap.104 jispjega' s-sostanzjalita' tal-fatti mistura jew rapprezentati b'mod hazin kif gej:

“F’dan l-artikolu, il-kelma "sostanzjali" tfisser ta’ xorta tali li tinfluwenza d-deċiżjoni ta’ assiguratur prudenti meta jiġi biex jara jekk għandux jieħu r-riskju, u, f’dan il-każ, b’liema premium u taħt liema kondizzjonijiet, u l-espressjoni "responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza" tfisser responsabbiltà li hija koperta bil-polza jew li kienet tkun hekk koperta li kieku l-assiguratur awtorizzat ma kellux il-jedd li jannulla jew iħassar, jew ma annullax jew ma ħassarx, il-polza.”

Kif sottomess mis-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Proposal Form kif mimlija hija 'nadifa' u cioe' ma hemm ebda accenn ghal xi incident jew xi involviment mal-Pulizija jew mal-Qrati. Il-mistoqsija l-aktar rilevanti hija n-numru 12: “Int, jew xi persuna ohra li int taf li se ssuq il-vettura, qatt ittellajtu l-qorti jew wehiltu l-habs f'dawn l-ahhar 5 snin htija ta' xi offiza konnessa ma' l-uzu ta' vettura?” Ghal din id-domanda l-konvrenut irrisponda “Le.” Il-Qorti inoltre tosserva li fil-Proposal Form tal-konvenut, qabel il-firma, hemm mnizzel hekk:

“Jien/Ahna nixtieq/u nassigura/w mal-Kumpanija fir-rigward tal-vettura deskritta /vetturi deskritti fit-talba t'hawn fuq. Jien/Ahna niggarantixxi/niggarantixxu li d-dikjarazzjonijiet maghmulin Minni/Minna jew f'Ismi/f'Isimna hawn fuq huma veri u shah u li jiena/ahna ma hbejt/hbejna xejn li jaffettwa r-riskju b'mod materjali. Jien naqbel/Ahna naqblu li dit-talba tigi nkorporata fil-kuntratt propost bejni/bejna u l-Kumpanija u tkun il-bazi tieghu u jien naqbel/ahna naqblu li naccetta/w il-Polza skond il-forma normali uzata mill-Kumpanija ghal dil-klassi ta' assigurazzjoni. [omissis]”

Il-Fedina Penali tal-konvenut turi diversi okkazjonijiet fejn huwa kien involut fi kwisjtonijiet mal-Pulizija u kien instab

hati ta' xi kontravenzjoni jew reat konness ma' vetturi, minbarra reati ohrajn. Ghalhekk jidher illi fil-mument meta' ttiehdet id-decizjoni mis-socjeta' assikuratrici, din ta' l-ahhar kellha informazzjoni hazina.

Dwar il-materjalita' tal-fatti li l-konvenut naqas li jgib a konjizzjoni tas-socjeta' attrici, il-Qorti rat ir-rapport ta' l-investigatur privat Dennis Balzan (a fol 43 et seq) li huwa bbazat fuq il-Fedina Penali li tinsab a fol 73 et seq. Jirrizultaw xi involvimenti mal-Pulizija fir-rigward ta' serq jew attentati ta' serq, li fin-natura taghhom mhux necessarjament jaffettwaw l-evalwazzjoni tar-riskju mill-assikuratrici. Jirrizultaw ukoll xi reati dwar disturb ta' l-ordni pubblika u vjolenza fil-konfront ta' ufficjal tal-Pulizija, li wkoll mhux necessarjament, wahedhom, jaffettwaw l-evalwazzjoni tar-riskju mill-assikuratrici. Madankollu, fir-rigward ta' involvimenti mal-Pulizija u mal-Qrati fir-rigward ta' vetturi, jirrizultaw xi istanzi li huma antiki, izda minhabba li hemm ukoll istanzi aktar recenti, li allura juri livell ta' kostanza fl-imgieba tieghu illi jwettaq reati jew kontravenzjonijiet fir-rigward ta' vetturi, li jista' jinfluwenza lill-kumpannija assikuratrici meta dina tevalwa jekk hijiex se tassumi r-riskju, jew titlobx tariffi oghla minhabba z-zjieda fir-riskju. Meta mbaghad wiehed iqis it-totalita' tal-fedina penali tal-konvenut, huwa ragonevoli li assikuratur ragonevoli u prudenti jkun mhux biss ikun irid jaf b'dan kollu meta jkun qed jevalwa lill-konvenut bhala potenzjalment assigurat, izda wkoll dan jista' jinfluwenza jekk fil-fatt l-assikuratur huwiex se jassumi dan ir-riskju.

Jidher ghalhekk illi l-konvenut ta’ risposta ghall-mistoqsija numru 12, liema risposta kienet inkorretta u mmirata sabiex tohloq fil-mohh tal-persuna li tiddeciedi dwar tassumix ir-riskju tal-polza opinjoni zbaljata minhabba li hemm habi ta' certi fatti. Kif xehed Carmel Baldacchino, dawk ir-risposti, inkluza l-mistoqsija numru 12, ma jaffettwawx il-quantum tal-polza izda jaffettwaw id-decizjoni tal-kumpannija jekk tassumix ir-riskju. Min-numru ta' reati u kontravenzjonijiet involuti, b'mod partikolari dawk relatati ma' vetturi, huwa ragonevoli li wiehed iqis li assikuratur prudenti u ragonevoli seta' jaghzel li ma jassumix ir-riskju, aktar u aktar meta wiehed iqis il-

konsistenza ta' l-imgieba tal-konvenut. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut naqas milli jforni informazzjoni materjali lis-socjeta' attrici u anzi dan iddikjara l-oppost, u d-decizjoni tas-socjeta' attrici ttiehdet b'qerq.

Jirrizulta wkoll illi Carmel Baldacchino kien mela l-formola skond l-informazzjoni moghtija lilu – il-konvenut ma ressaq ebda prova kontrarja u anzi lanqas indenja ruhu jixhed. Ghalhekk it-tezi tal-konvenut li ma kienx hu li mela l-Proposal Form mhijiex rilevanti ghall-kaz odjern – Carmel Baldacchino kien qed jimla l-formola ghall-konvenut u mhux ghas-socjeta' assikuratrici u ddependa ghal kollox fuq informazzjoni moghtija lilu mill-konvenut jew rapprezentanti tieghu. Ghalhekk l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

Illi kif irrizulta mill-provi, il-fatti in kwistjoni illi l-konvenut naqas illi jgib a konjizzjoni tas-socjeta' attrici huma tali illi setghu jincidu fuq id-decizjoni ta' dik is-socjeta' jew agenti taghha dwar jekk jaccettawx l-applikazzjoni tal-konvenut ghal assikurazzjoni, u ghalhekk huma materjali, kif kontemplat mill-imsemmi artikolu 10(5) tal-Kap 104. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni ukoll ghandha tigi michuda.

Kif gia rilevat il-konvenut irtira l-hames eccezzjoni tieghu fil-mori ta’ din il-kawza u kwindi m’hemmx ghalfejn li din il-hames eccezzjoni tigi esaminata ulterjorment.

Dwar is-sitt eccezzjoni, l-ispejjez mitluba mis-socjeta' attrici huma inkorsi minhabba l-imgieba tal-konvenut. It-talba ghal-likwidazzjoni ta' danni mhijiex prerekwizit sabiex jigi ordnat il-hlas ta' spejjez u ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi kollha

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiddeciedi l-hames eccezzjoni tal-konvenut billi din giet irtirata mill-istess

konvenut, billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenut naqas milli jaghti informazjzoni rikjesta fuq il-proposal form u naqas milli jiddikjara fatti materjali li kienu determinanti fid-decizjoni tas-socjeta' attrici dwar jekk tassigurahx jew le, u tiddikjara illi s-socjeta' attrici hija awtorizzata li tannulla l-polza ta' assikurazzjoni minhabba dan in-nuqqas da parti tal-konvenut.

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------